

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – proċeduri kriminali kontra Mossa Ouhrami

(Kawża C-225/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jissoġġornaw illegalment — Direttiva 2008/115/KE — Artikolu 11(2) — Deċiżjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul meħuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva u li tirrigwarda perijodu itwal minn dak previst mill-imsemmija direttiva — Bidu tad-dekorrenza tal-perijodu ta' projbizzjoni fuq id-dħul)

(2017/C 309/15)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Parti fil-proċedura kriminali prinċipali

Mossa Ouhrami

Dispożittiv

L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul prevista f'din id-dispożizzjoni, li bħala prinċipju ma jeċċedix il-ħames snin, għandu jiġi kkalkolat b'effett mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tkun telqet effettivament mit-territorju tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 232, 27.6.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Milano – l-Italja) – Moussa Sacko vs Commissione Territoriale per il riconoscimento della Protezione internazionale di Milano

(Kawża C-348/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika tal-ażil — Direttiva 2013/32/UE — Artikoli 12, 14, 31 u 46 — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 47 — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Appell minn deċiżjoni ta' ċaħda ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali — Possibbiltà għall-qorti li tagħti deċiżjoni mingħajr ma tisma' lill-applikant)

(2017/C 309/16)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Milano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Moussa Sacko

Konvenuta: Commissione Territoriale per il riconoscimento della Protezione internazionale di Milano